# Kappuċċini Żwieten

Billi din is-sena l-knisja ddedikat s-sena saċerdotali, mill-ewwel ġieni f'moħħi li nsemmu xi reliġjużi Żwieten jew li kellhom xi konnessjoni maż-Żejtun li ħadmu ħafna kemm f'Malta jew fil-missjoni barra minn art twelidhom, u ħafna minnhom ftit nafu dwarhom, barra minn dan ser nitlob skuża jekk ser inħalli barra lil xi ħadd barra, billi naf li seta' jkun hemm oħrajn li ma sibtomx, għax il-kappuċċini la jġibu kunjom u ġieli jġibu li kienu minn Malta w mhux mill-belt jew raħal mnejn ikunu.



## Patri Pietru Anton miż-Żejtun 1774 - 1839

Patri Pietru Anton OFM.Kap. twieled fiż-Żejtun fl-1774, u daħal fl-ordni Kappuċċin ta' 21 sena, wara li ġie ordnat saċerdot, is-superjuri tiegħu bagħtuh għall-missjoni il-Brazil u fil-Kongo fejn għamel 30 sena sħaħ qalb il-poplu fqajjar ixandar il-kelma t'Alla w jgħin lin-nies, u jedukahom kemm fir-reliġjon u anke fil-manjieri tagħhom ma' xulxin; meta kellu 60 sena rritorna lura Malta u ġie magħżul kustodju tal-Kappuċċini Maltin 1830 - 1836, fejn mexxa dan l-uffiċċju b'tant għaqal u dixxiplina, matul il-pesta tal-1813, kif ukoll il-Kolera tal-1830 ħadem ħafna mal-patrijiet sħabu jieħu ħsieb il-moribondi f'Għawdex, fejn kien mibgħut. Fil-mixja tal-Kolera tal-1837 tlettax il-kappuċċin taw isservizz tagħhom fl' isptarijiet ta' l-emerġenza, dawn kienu fil-belt Valletta, l-Isla, Bormla, Mdina, Żejtun, Ħaż-Żebbuġ, Ħal Qormi u postijiet oħra.



Patri Pietru Anton OFM. Kap.

Il-gvern ħalla f'idejhom ukoll il-konservatorju tan-nisa tal-Furjana. Patri Pietru Pawl mis-Siġġiewi li kien superjur tal-Kappuċċini f'Malta kien l-ewwel wieħed li ta eżempju f'dak li talbu l-awtoritajiet, miegħu intefa' għal dan ix-xogħol Patri Pietru Anton miż-Żejtun; li għalkemm misjur bit-taħbit fil-missjonijiet tal-Brazil u tal-Kongo, wara li assista lix-xjuħ fil-forti Rikażli, mar fl' isptar ta' San Filippu l-Isla, flok il-kappillan ta' l-Isla li kien miet bil-Kolera.

Bħala tifkira tal-ħidma fejjieda ta' Patri Pietru Anton, insibu wadru bil-pittura tiegħu fil-kunventi tal-Kappuċċini fil-Furjana, tal-Kalkara u ta' Għawdex, kitba fl-arkivju tal-missjonijiet f'Ruma tgħid; 'fis- sena 1818 fix-xahar ta' Frar, Patri Pietru Anton ta' Malta ġie mibgħut mis-Sacra Kongregazzjoni tal-Missjonijiet f'Angola' Patri Pietru Pawl ħalla lilu nnifsu memorja l-aktar glorjuża, hekku t-tifħir mogħti lilu li naqraw taħt il-kwadri li semmejna fil-kunventi Kappuċċini.

Patri Pietru Anton miet fil-kunvent tal-Furjana fl- 1 ta' Mejju 1839 wara 65 sena fl-ordni u ġie midfun fil-kripta ta' l-istess kunvent.

## Dun Alwiġ Camilleri OFM. Kap.

Dun Alwiġ Camilleri twieled fl-1774, iben Angelo u Tiburzia, meta kien għadu żgħir trabba taħt il-kustodja ta' Dun Bert Sant, kappillan taż-Żejtun. Meta kiber ftit, daħal mal-patrijiet Kappuċċini fejn intefa' b'ruħu u b'ġismu għall-istudju, biex isir patri; fejn wara li għamel il-kors kollu, w ġie ordnat saċerdot, ġie mibgħut Tunes fejn kien ixandar il-Vanġelu t' Kristu, u jaqdi d-dmirijiet tiegħu saċerdotali. Wara xi żmien li kien ilu hemm ġie lura Malta u talab li ma jibqax patri imam jsir saċerdot djoċesan, din it-talba ġiet milqugħa mill-Isqof ta' Malta u ġie mibgħut iż-Żejtun biex jaqdi d-doveri tiegħu hawn.

Dun Alwiġ kien ħabrieki ħafna u kellu ħafna idejat ta' barra, u kellu talent biex jgħin l-ekonomija tal-pajjiż, tant li ħajar u għen bil-pariri tiegħu biex Malta jkun hawn industrija tal-ħarir, għlhekk il-Gvernatur wara li sema' l-ideat tiegħu, tah ġnien kbir fiż-Żejtun u ġablu numru ta' siġart aċ-ċawsli, u beda jrabbi d-dud tal-ħarir. Din l-industrija xterdet ma' diversi postijiet madwar Malta, u Dun Alwiġ ġie maħtur kuratur ta' din l-industrija.

Dun Alwiġ kien iħobb li jgħallem u jeduka liż-żgħażagħ, tant li talab lil Isqof Mattei permess biex jibda jgħallem xi ftit skola lit-tfal tar-raħal. Dak iż-żmien i-tfal meta jitfarfru kienu mill-ewwel jmorru jaħdmu, u skola ma kienux jafu biha. Mons Mattei għoġbitu din l-idea u tkellem mal-konslu Spanjol li kien

joqgħod iż-Żejtun, quddiem id-dar tiegħu, u dawn kellmu lil kappillan tar-raħal lit ah id-dar ta' wara l' Ispirtu Santu waqt li l-Kavallier Megino u l-Isqof tawh l-għajnuna li setgħu biex jiftaħ din l-iskola għ as-subien biss. Dan Alwiġ beda jgħallem u bdew jiġu tfal mill-irħula tal-qrib ukoll. Bdew jiġu wkoll kbar biex jitgħallmu jaqraw u jiktbu xi ħaġa, u l-post malajr sar żgħir wisq. Dun Alwiġ beda jgħallem lit-tfal bl-għarbi biex jaqbdu aktar malajr il-malti u din irnexxiet ħafna, insibu li din l-iskola kellha diversi żjajjar minn edukaturi Ngliżi w li ġiet mfaħħra ħafna il-ħidma ta' Dun Alwiġ.
Il-Kummissjoni Keenan wara li għamlet żjara f'din l-iskola fl-1837, kienet sodisfatta ħafna bit-tfal li malajr kienu jirrispondu għal mistoqsijiet li sarulhom. Ir-Rev. C.F. Schlienz fil-ktieb tiegħu '*Views in the improvement of the Maltese language and its use for the purpose of education and literature*' f'paġna 51 qal li Dun Alwiġ kellu t-tfal jitgħallmu letteratura għarbija u din kienet ta' għajnuna kbira biex min-nha jitgħallmu l-Malti. Kemm ir-rapport Keenan, kif ukoll ir-rapport ta' Rev. C.F. Schlienz kellhom kull tifħir għal Dun Alwiġ Camilleri li miet fiż-Żejtun fil- 11 ta' Novembru 1849 u uq xewqtu ġie midfun fil-kunvent tal-Kappuċċini fil-Furjana.

## Dun Manuel Ricaud OFM Kap.

Dun Manuel Ricaud twieled fis- 16 ta' Jannar 1763, imam ma nafux sewwa fejn twieled, missieru Pawlu. Jingħad li kien patri Kappuċċin, u wara xi żmien qaleb għal saċerdot djoċesan. Fl-1800 ġie joqgħod iż-Żejtun u dam hawn sal-1835. F'dak iż-żmien li Malta kienet okkupata mill-Franiċiżi u wara l-irvellijiet mill-Maltin, il-Franċiżi kellhom iħallu Malta bil-għajnuna tat-truppi Ngliżi. Dun Manwel kien joqgħo dir-raħal t'isfel u kien avukat, kien jaf sewwa bil-Latin u bl-Ingliż barra t-Taljan u l-Malti. Tant li saħ ansitra kien magħżul biex ikun l-interpretu ta' Sir Alexander ball, għax dak iż-żmien kważi ħadd ma kien jaf bl-Ingliż, għax l-iskulari kienu jitgħallmu t-Taljan.
Meta l-Maltin keċċew lil Franċiżi, u fl-1800 daħlu l-Ingliżi, kien hawn min xtaq li jerġgħu jiġu l-Kavallieri ta' San Ġwann jmexxu lil Malta, jew imorru mal-Gran Mastru li sar li kien Russu jew maż-żewġ Sqallijiet. Imma kien hawn ħafna mill-mexxejja tal-Maltin li ried li nibqgħu taħt l-Ingliżi. Fiż-Żejtun kienet imxiet sewwa din l-idea li nibqgħu taħt l-Ingliżi speċjalment meta ftakru li bil-għajnuna tagħhom il-Franċiżi kellhom iċedu, meta ħallew dawn il-Gzejjer minn Marsaxlokk li kien okkupat minnhom wara li serqu ħafna annimali u prodotti tar-raba' minn hawn u li dak iż-żmien kien jagħmel parti miż-Żejtun. Hawn insibu lil Dun Manuel Ricaud li kien minn ta' quddiem favur l-Ingliżi u miegħu il-magħruf Mikiel Cachia miż-Żejtun, li kien inġinier u kellu rabta kbira fl-1799 kontra l-Franċiżi. Insibu li Dun Manuel ġie nnominat bl-amministrazzjoni tax-xogħol ta' l-Industrija tal-Qoton li kien isir min-nisa Maltin, għ alkemm din kienet biċċa xogħol iebsa għalih biex dawn jaqilgħu xi ħaġa għal għejxien tagħhom.
Dun Manuel Ricaud kien iweħed mid-Delegazzjoni Maltija li kienet tinkludi wkoll lil Mikiel Cachia miż-Żejtun, li marru l-Ingilterra biex jitolbu lil Gvern Ingliż li jagħti Indipendenza sħiħa lil Malta, jekk l-Ingilterra kienet ser tħalli dawn il-gzejjer tagħna. Dan ġara fl-1802 meta l-Ingliżima tantx kellhom interess tal-qagħda strateġika tal-gzejjer Maltin, f'nofs il-baħar Mediterran. Insibu li Malta bis-saħħa ta' dawn l-Eroj fosthom Dun Manuel u Mikiel Cachia, ġiet aċċettata bħala Kolonja Ngliża mir-Re Ġorġ III. Ta' min jgħid li Dun Manuel kien ukoll Latinista tajjeb ħafna tant li dik il-kitba li hemm bil-Latin fuq il-Portiku tal-Main Guard fil-Belt, kien kitibha hu. Din il-kitba bil-malti tgħid 'Il-Gzejjer Maltin ġew offruti lil kbira u qatt mirbuħa Brittanika bl-imħabba tal-Maltin u l-kunsens ta' l-Ewropa A.D.1813'.
Dun Manuel Ricaud kien ħalla li meta jmut jrid jindifen fiċ-ċimiterju San Felic tal-Kappuċċini l-Furjana, kif fil-fatt sar meta fit- 8 ta' Settembru 1835 miet fiż-Żejtun meta kellu 72 sena u ġie trasportat għal kappuċċini fil-Furjana.

## Chiericu Fra Mikiel miż-Żejtun OFM. Kap.

Chierku Fra Mikiel miż-Żejtun, student kappuċċin li kien qiegħed jagħmel in-novizjat għal ptri mal-Kappuċċini, qabdu marda kiefra u għal diversi xhur kien qiegħed joqgħod għand ommu Marianna Falzon armla Caruana, u meta ħa saħtu rritorna fil-kunvent, imam ftit wara reġgħa marad u reġgħa mar għand ommu fiż-Żejtun fejn miet fit- 13 t'April 1845 u ġie meħud il-kunvent tal-Kappuċċini fil-Furjana fejn ġie midfun fiċ-ċimiterju San Felice.

## Patri Filippu Tanti OFM. Kap.

Patri Filippu Tanti, iben Joseph u Katarina, minn Casal Pasqualino li qabel daħal patri kien jismu Salvatore, twieled iż-Żejtun fl- 10 ta' Marzu 1806, meta kiber daħal mal-Patrijiet Kappuċċini fejn beda l-istudji tiegħu għan-novizzjat, u kien jieħu nteress fl'itudji tiegħu u kien jiġl tajjeb ħafna fl-eżamijiet, fejn il-ġurnata mistennija minnu u mis-superjuri tiegħu flimkien mal-ġenituri, telgħa t-taraġ ta' l-artal għall-ewwel darba nhar id-19 ta' Frar 1832 biex joffri is-sagrifiċċju tal-quddies, u kompla bid-dmirijiet tiegħu, saċerdotali. Wara xi żmien kien talab li jiġl trasferit għal saċerdot djoċesan, minn patri, fejn din it-talba ġiet milqugħa, u mar jaqdi d-dmirijiet tigħu ġewwa r-Rabat Għawdex u l-Furjana., fejn fil-21 ta'

Lulju 1874 ħalla dan il-wied ta' dmugħ u ġie midfun fir-Rabat Għawdex.
Patri Filippu Tanti kien benefattur kbir fil-parroċċa tal-Furjana fejn għamel żmien iservi bħala saċerdot tant li fl-ewwel anniversarju minn mewtu il-parroċċa tal-Furjana għamlitlu servizz funebru għar-ruħu nhar il-21 ta' Lulju 1875.

## Patri Salvatore A Malta 1777-1831

Patri Salvatore miż-Żejtun li kien Gwardjan tal-Kunvent San Felice tal-Furjana ħakmitu marda qalila u ħaduh għand il-familja tiegħu fiż-Żejtun fejn dam għal diversi xhur marid, u mill-parroċċa taż-Żejtun ħ areġ il-Vjatku Solenni fejn Patri Salvatore irċieva s-Sagrament ta' l-Ewkaristija u wara għamlulu l-Griż ma tal-Morda, u ħalla dan il-wied ta' dmugħ fl-eta ta' 54 sena nhar is- 26 ta' Ġunju 1831 fejn l-għada ġie meħud il-kunvent San Felice fil-Furjana għad-difna.

## Chierico Fra Salvatore miż-Żejtun

Dan il-Fra li kellu talent rari ħafna ħadem ġewwa Alessandria fl-Eġittu u ta' eta żgħira inħkem minn marda qasira u mar jiltaqa' mal-Mulej nhar it-3 ta' Frar 1690 u ġie midfun f'Alessandria.

## Patri Antonio OFM. Kap. miż-Żejtun 1809-1845

Patri Antonio ħadem ħafna tul is- 36 sena fil-missjoni fil-Brazil mingħajr qatt ma ġie Malta u miet fil-Brazil fl-1845.
Nota:- Dan ma nħalltuhx ma Patri ieħor, Patria Anton Pietru għax huma żewġ patrijiet differenti.

## Patri Antonio Maria minn Malta

Patri Antonio Maria minn Malta kien miż-Żejtun, u xejn ma rnexxilna nsibu dwaru ħlief li wara marda qasira miet fiż-Żejtun fil- 15 ta' Jannar 1799 u ġie midfun fil-kannierja ta' l-Oratorju.


*Patri Gregorio Brincat OFM. Kap.*

## Patri Gregorio Brincat OFM. Kap.

Patri Gregorio Brincat twieled fiż-Żejtun fl-1870, bin Mikiel u Katerina, xebba' Galea. Sa minn ċkunitu wera x-xewqa li jsir reliġjuż, u daħal novizz mal-patrijiet Kappuċċini fejn wara li għ amel in-novizzjat ġie ordnat saċerdot għal ħabta tal-1900. Huwa kien patri eżemplari u kien predikatur tajjeb ħafna kemm bil-kelma tiegħu faċli u penetranti, ressaq ħafna erwieħ lejn Alla. Huwa kien iqatta' ħafna ħin fil-konfessinarju għas-servizz tal-penitenti. Jingħad li fuq is-sodda tal-mewt tiegħu nstemgħa jitlob u jsejjaħ lill Madonna biex ikollha ħniena minnu. Huwa miet fid- 19 ta' Lulju 1936 fil-kunvent ta' Santa Liberata l-Kalkara fl-eta ta' 66 sena u ndifen fil-kannierja ta' l-istess kunvent.

## Patri Giacchino Pace OFM. Kap.

Patri Giacchino Pace twieled iż-Żejtun fit- 3 t'April 1891, iben Ġanni u Marija Bonnici. Huwa ingħata l-isem ta' Raffaele, meta kiber beda jaħdem ta' mastrudaxxa fiż-Żejtun. Aktar tard ġietu l-vokazzjoni li jidħol patri mal-Kappuċċini meta kellu 27 sena, u meta mar ġie aċċettat. Meta għamel il-professjoni tiegħu wera nteress fl-istudji. Huwa wera x-xewqa mas-Superjuri tiegħu li jixtieq imur fil-missjoni u din it-talba ġiet aċċettata. Huwa ġie mibgħut ikompli l-istudji tiegħu fis-Seminarju ta' San luigi ta' Tolosa fi Franza u ġie mogħti l-isem ta' Fra Giacchino li baqa' magħruf bih il-kumplament ta' ħajtu.


*Patri Giacchino Pace OFM. Kap.*

Nhar it- 8 ta' Diċembru 1918 ġie ordnat saċerdot u qaddes l-ewwel quddiesa tiegħu f'Bugengos South Africa. Min hawn huwa ittrasferit għ al missjoni fl-Abbisinja, fejn kien jgħallem fost faqar kbir, li kien jeż isti f'dak il-pajjiż, tant li kif kien jirrakonta huwa stess lil Huh Alfonzu meta kien jiġi Malta, li lanqas platti ma kellu biex jitma t-tfal ltiema li kellu taħt idejh, tant li għamel toqob fuq iċ-ċint baxx ta' l-iskola u kien jitfa l-ikel fihom u jitma lit-tfal b'idejh.
Ix-xogħol fejjiedi tiegħu kien stmat mis-superjuri tiegħu tant li l-Isqof għamlu segretarju tiegħu barra mix-xogħol li kellu, li tant kien għal

qalbu jieħu ħsieb ta' dawk l-iltiema.
Meta kien jiġi Malta, moħħu kien ikun fil-missjoni u l-ftit ġimgħat li kien iqatta' f'pajjiżu kien jiġbor xi ħaġa għal dawk l-imsejkna u malajr kien jerġa jmur lura lejn il-missjoni tiegħu, ferħan bi ftit flus li kien jiġbor mingħand il-benefatturi Maltin, tant li rnexxilu jibni skola żgħira li kien jgħallem fiha u aktar tard bena seminarju żgħir.
Fl-1932 sar superjur regular ital-missjoni fis-Somalia mwaqqfa minn Patri Angelo Mizzi OFM. Kap. Fl-1927, fil-gwerra ta' l-Abbisinja kellu jitlaq għal post ieħor fejn kompla l-missjoni tiegħu f'Gibuti fis-Somalja Franċiża fejn baqa' hem mil-kumplament ta' ħajtu. Ix-xogħol tiegħu kien stmat ħafna, mhux biss mis-superjuri tiegħu imam wkoll mill-awtoritajiet tal-knisja, tant li kien qiegħed jissemma ħ afna li ser isir Isqof fil-missjoni, imam Patri Giacchino Pace miet fis- 26 ta' Ġunju 1936 u ġie midfun f'Gibuti.

**Fra Antnin Vella OFM. Kap.**


Fra Antnin Vella OFM. Kap.

Fra Antonio Vella OFM. Kap. twieled fiż-Żejtun, missieru kien Ġanni u ommu Franġiska xebba' Gatt. Huwa twieled fil- 25 t'Ottubru 1927 u ġie msemmi Salvatore. Meta kiber, beda jgħin lil missieru fix-xogħol tal-ġebel, imam meta tfarfar sewwa, ġietu l-vokazzjoni li jidħol mal-patrijiet Kappuċċini bħala ajk u ta' 22 sena ġie aċċettat u beda n-novizzjat fil-kunvent tal-Furjana. Fl-1953 għ amel il-professjoni perpetwa u tawh l-isem ta' Fra Antnin, li baqa' magħruf bih tul il-kumplament ta' ħajtu. Wara ġie trasferit għal kunvent Għawdex. Huwa kien ħabrieki ħafna kull fejn kien, kemm fil-kunvent tal-Furjana, fejn dam 12 il-sena, kif ukoll meta ġie tras-ferit għal parroċċa tas-Santissima Trinita Qaddisa fil-marsa, fejn baqa' sakemm Alla silfu l-għomor. Huwa wera nteress fix-xogħol tal-knisja kif ukoll dak tal-kunvent, imam l-aktar li kont tarah jarma il-knisja, speċjalment meta toqrob il-festa, kemm fil-knisja kif ukoll fl-armar tat-toroq. Huwa kien maħbub ħafna mill-poplu tal-Marsa kollha, tant li l-Kunsill Lokali tal-Marsa għoġbu li jagħtieh 'Ġieħ il-Marsa 2002'.
Meta Fra Antnin kien ikun xi ftit liberu kont tarah jiġi ż-Żejtun biex iżur il-ġenituri tiegħu u wara jagħmel żjara fil-parroċċa lit ant kien iħobb. Aktar minn hekk kont tarah kull meta kien ikun hawn xi purċissjoni fiż-Żejtun tarah quddiem jerfa' s-salib tal-kleru, imam meta tasal il-festa tal-Patruna Santa Katarina kien jiġi minn filgħodu għal quddiesa tat-tridu u jibqa hawn għ al għasar. Lejliet u nhar il-festa, kien ikun l-ewwel wieħed fil-kor, u jakkumpanja l-purċissjoni b'dik it-tuniċella fuqu jerfa' s-salib.
Billi Fra Antnin kien assoċjat mal-Marsa, ġie li kien ikollu mpenji oħra fil-parroċċa tiegħu, speċjalment meta l-festa tagħna kienet trasferita għas-sajf, fejn ġie li kienet taħbat mal-festa tal-Marsa. Huwa kien jiddispjaċieh ħafna meta ma jkunx jista jattendi, imma meta jiena stess li kont stazzjonat il-Marsa, kont neħodlu xi program tal-festa jew xi sunett, tgħidtx kemm kien jieħu gost, u kien jistaqsini dwar min ser jagħmel il-paneġirku u affarijiet oħra dwar il-festa u dwar iż-Żejtun lit ant baqa' jħobb.
Fra Antnin miet fis- 7 ta' Settembru 2006 fil-għomor ta' 78 sena, qatt minsi minn ħutu l-patrijiet Kappuċċini, il-poplu tal-Marsa u ħafna Żwieten li kienu jafuh mill-qrib. Kienu ħafna dawk li attendejna sabiex insellmulu għal aħħar darba fil-Funeral tiegħu, li sar fil-parroċċa tat-Trinita il-Marsa.

ROYAL IMPACT
HOME AUDIO & IN CAR ENTERTAINMENT
Tel: 21/27 806510
email:- royalimpact@onvol.net